MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 757/2006

Albert Camilleri
vs
Paul Mangion

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrent li bih espona:

1. Illi fit-12 ta' Gunju 2005 ir-rikorrent kien involut f'incident stradali fi Triq il-Kosta, Naxxar vicin Kennedy Grove meta waqt li l-intimat kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBA 395, hu baqa' diehel go vettura numru TFH 799 li kienet wieqfa tistenna fit-traffiku fuq in-naha ta' wara tal-vettura numru ta' registrazzjoni EBG 013 misjuqa mir-rikorrent, li bid-daqqa baqghet diehla gol-vettura tar-rikorrent li dak il-hin kienet ukoll wieqfa tistenna fit-traffiku, skond ma jirrizulta mill-okkorenza u skizz tal-Pulizija markati Dokument AC.

2. Illi b’rizultat ta’ dan l-incident ir-rikorrent sofra griehi serji u baqa’ dizabilitat parzjalment, skond ma jirrizulta ahjar mill-anness rapport mediku rilaxxjat minn Mr Charles Grixti markat bhala Dokument AC1.

3. Illi dan l-incident sehh unikament negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-intimat, u dana kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Illi fi proceduri kriminali l-Pulizija Ezekuttiva insistew kontra l-intimat dwar dan l-incident stradali, l-istess intimat ammetta li meta sehh l-incident kien qed isuq b’mod traskurat, li b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta’ natura gravi fuq il-persuna tar-rikorrent u griehi hfief fuq il-persuna ta’ Elizabeth Mary Hanley-Lee [li dak il-hin kienet riekba mar-rikorrent], skond ma jirrizulta mis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Paul Mangion*** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fis-17 ta’ Frar 2006, li giet annessa mar-rikors u markata bhala Dokument AC2.

5. Illi l-intimat gie interpellat biex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha li sofra r-rikorrent f’dan l-incident stradali izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ir-rikorrent talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara li l-intimat hu responsabbli ghall-incident stradali fuq imsemmi li sehh fit-12 ta’ Gunju 2005 fi Triq il-Kosta, Naxxar vicin Kennedy Grove u li fih safa korrut ir-rikorrent.

2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent b’rizultat ta’ dan l-incident stradali u dan okkorendo bl-opra ta’ periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-intimat biex ihallas lir-rikorrent id-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta’ Marzu 2006 u tal-ittra ufficjali li giet prezentata kontestwalment mar-rikors guramentat kontra l-intimat li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tal-intimat li biha espona:

1. Illi r-responsabilita` ghall-incident stradali ***de quo*** hi, referibbilment ghall-ewwel talba, ammessa.

2. Illi referibbilment ghat-tieni talba, l-intimat jaqbel li jigu likwidati d-danni dovuti lir-rikorrent u ghal dan il-ghan jitqabbad espert kirurgu ortopediku.

3. Riferibbilment ghat-tielet talba, l-intimat ihallas lir-rikorrent dak li din il-Qorti tiffissa wara li jkollha l-provi fir-rigward quddiemha.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-digriet li nghata fit-12 ta’ Frar 2007 fejn Mr Charles Sciberras gie nominat bhala espert ortopediku.

Rat ir-rapport ta' l-espert mediku Mr. Charles Sciberras fejn issemma:
**"STORJA:** Is-Sur Camilleri qalli li, fit-12 ta' Gunju ta' l-2005 hu kien wieqaf bil-karozza tiegh meta karozza ohra dahlet fuq tieghu minn wara. Ha skoss kbir izda rnexxielu johrog mill-karozza tieghu wahdu. Mill-ewwel qalli li beda jugghu ghonqu. Kien imhasseb ghax il-mara tieghu kienet baqghet fil-karozza u kellha tinhareg min-nies ta' l-ambulanza. Hu qalli li wara ftit hu saq lejn l-isptar ghax l-ugigh u l-ghebusijaf'ghonqu kienu qed jizdiedu. L-isptar ittiehdulu xi ritratti ta' ghonqu li wrew xaqq zghir (fracture) fir-rukkel C5 (spinous process). Libsulu l-kullar u zammewh lejl ghall-osservazzjoni. L-ghada mar id-dar bil-kullar. Wara xi jumejn dahal lura x-xoghol (hu accounts manager ma FEXCO). Dam bil-kullar ghal xi 4gimghat. Ghamel xi ftit fizjoterapija wkoll.

Kien hemm ukoll artrite bejn is-C4, C5 u C6. Dan gie kkonfermat b'CT Scan.

**POZIZZJONI PRESENTI:** Is-Sur Camilleri l-aktar li jilmenta fuq in-nuqqas ta' sahha fi drieghu x-xellugi. (Dan hu d-driegh dominanti tieghu). Qalli li lanqas jiflah il-bagalja tax-xoghol – kllu jerfaghha b'idu l-leminija.

Qalli wkoll li jsibha bi tqila biex jaghmel xoghol fid-dar pez juza turnavit biex jissikka. Qalli li m'ghadux tajjeb biex jitfa l-ballun tal-basketball. Xi kultant jugghu ghonqu. M'ghandux ugigh bil-lejl. Imur ghax-xoghol normali – isuq hu. Gieli jhoss bhal xokkijiet ma drieghu x-xellugi sahansitra meta jkun qieghed bil-qeghda ma jaghmel xejn. Qalli li m'ghandux problemi bil-computer.

EMG (test tan-nervituri) li sar ftit xhur ilu gie normali.

Is-Sur Camilleri cahad li qatt kellu problemi b'ghonqu jew b'dirghajh qabel dan l-incident.

**EZAMI – 26/02/07:** Ragel jidher f'sahhtu – ma kienx liebes kullar, izda kien liebes "faxxa" mal-polz. Qalli li dara' jilbisha kuljum, ghax ihossha tghinu.

**<u>Ghonq:</u>** L-ebda deformita.
Ma kienx hemm ugigh meta tajtu daqqiet zghar f'ghonqu.
Il-movimenti kollha kien neqsin b'xi 30 fil-mija ta' "normal" ghall-eta' tieghu.
**<u>Dirghajn:</u>** Sensazzjoni normali.
Riflessi – normali.
Sahha – Jidhirli li kien hemm ftit nuqqas ta' sahha fl-ghafsa (grip) u fil-qarsa (pinch).

**<u>IMPRESSJONI:</u>** Jidher li s-Sur Camilleri ha skoss sewwa meta ntlaqat minn wara. Jidher ukoll li hu diga' kellu artrite fis-sinsla t'ghonqu (cervical spine) qabel l-incident – l-incident x'aktar li ghamilhielu aghar. In-nuqqas ta' sahha fl-ghafsa u fil-qarsa ma tigix min-nuqqas ta' nervituri li johorgu bejn l-irkiekel fejn ghandu l-artrite izda min-nuqqas tan-nervituri li johorgu bejn C8 u T1. Jista' jkun li forsi dawn ta' l-ahhar iggebbdu xi ftit mad-daqqa. Jien nahseb li biz-zmien jirrangaw xi ftit ghalkemm mhux ghal kollox."

**<u>DIZABILITA':</u>** 6% (sitta fil-mija).

Rat l-affidavit ta' <u>Albert Camilleri</u> fejn issemma li fit-12 ta' Gunju 2005 u cioe` meta gara l-incident mertu ta' din il-kawza, hu kellu 52 sena, u dan skond ma jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tieghu anness u markat Dokument RA. Ikkonferma li bil-gurament tieghu illi l-introjtu fis-sena 2004 kien ta' Lm8,389 fis-sena, filwaqt li fis-sena tal-incident u cioe' 2005 kellu introjtu ta' Lm8,450, u dan skond ma jirrizulta ahjar mill-FS3's markati DOK CG1 u DOK CG2 gja esebiti minnu f'din il-kawza. Hu hallas ukoll is-somma ta' Lm145 lil Mr Chasrles Grixti ghall-kura li tah, skond ma jirrizulta mir-ricevuti mmarkati Dok RA1 U Dok RA2, u Lm5.70c f'medcina skond ma jirrizulta minn Dok RA2. Ma' dan l-affidavit annetta prospett tad-danni minnu pretizi.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**
Ir-responsabbilta` ghall-incident stradali ***de quo*** giet ammessa fir-risposta. Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza deciza minnha kif presjeduta fl-10 ta' Mejju 2005 fil-kawza fl-ismijiet Ransley John et vs Restall Edward et.

Jinkombi ghalhekk fuq il-Qorti li tillikwida d-danni subiti mill-attrici. Dawn iridu jigu ezaminati taht zewg aspetti u cioe` dak ta' ***damnun emergens*** u ***lucrum cessans.***

***D1. Damnum Emergens***

Kawza ta' dan l-incident l-attur hallas lil Mr Grixti LM145 u Medicina LM5.70 – total ta' LM150.70.

***D2. Lucrum Cessans***

Jirrizulta li l-attur kellu 52 sena fid-data tal-incident u cioe' 12 ta' Gunju, 2005. Id-dhul annwali tieghu ghal 2004 kien ta' LM8389 waqt li dak ghal 2005 kien ta' LM8450 [ossija awment ta' LM61].

***a. Multiplier***

Hawnhekk ghandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien ghal zmien twil ibbazat fuq il-principji enuncjati fil-kawza **Butler vs Heard** deciza mill-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-22 ta' Dicembru, 1967. F'dik il-kawza ntqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wiehed irid jiehu in kunsiderazzjoni c-"***chances and changes of life***", b'mod li dan il-***multiplier*** ma jwassalx lid-danneggjat li jiehu kumpens daqs li kieku baqa' jahdem sad-data li jirtira, izda l-figura tigi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittiehed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneggjata setghet, fil-kors normali tal-hajja taghha, ma waslitx qawwija u shiha sa l-eta' tal-pensjoni.

Izda l-figura uzata ghall-iskop tal-Multiplier mhux dejjem inghatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem gew uzati l-istess principji. Dan kien wassal biex il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza **Lambert vs Buttigieg** deciza fit-18 ta' April, 1963 kienet qalet:

"f'din il-materja ta' *lucrum cessans* il-Qorti ghandha tipprocedi b'kawtela kbira peress li l-qliegh hu haga ta' possibilta` u mhux ta' certezza u jkun jista' jonqos minn mument ghall-iehor anke ghal kwalunkwe kawza materjali bhal mewt jew mard tad-danneggjat."

Fil-kawza fl-ismijiet **Darren Sammut vs Eric Zammit** deciza mill-Onor Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-3 ta' Dicembru, 2004 intqal:
"Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni u jidhrilha li l-'*multiplier*' adottat mill-Qorti ta' l-ewwel grad huwa piuttost eccessiv. Dan ghaliex fis-sistema generalment applikata f'kawzi ghar-rizarciment ta' danni l-ligi ma tghid xejn, ghal anqas kif inhi fil-prezent, dwar il-perjodu li ghandu jigi applikat ghal fini tal-'*multiplier'* u anqas u anqas ma tghid xejn dwar il-hajja lavorattiva tad-danneggat. Il-provvedimenti tal-Kodici Civili li jirrregolaw il-mod kif ghandhom jitqiesu d-danni jitkellmu b'mod specifiku dwar telf effettiv, konsistenti fi spejjes inkorsi minhabba l-hsara kagunata u it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali. Dwar dawn il-Qorti ma ghandha ebda diskrezzjoni u ghandhom jigu rizarciti *in toto*. Izda fir-rigward ta' telf ta' qligh li dik il-persuna tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, s-subartikolu (2) tal-Artikolu 1045 tal-Kap 16 jiddisponi li "Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, ix-xorta u l-grad ta' inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.

Hawn ghalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jinghata lill-gudikant. Il-ligi ma tridx li l-kumpens ikun biss rizultat ta' ezercizzju matematiku – ghalkemm tali ezercizzju huwa wiehed siwi u jwassal ghal certa uniformita` fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament gara wara s-sentenza ta' 'Buttler vs Heard' – b'dana kollu l-gudikant ghandu jzomm quddiem ghajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bhala danni ghal-telf futur – dawk li fil-gergo huma maghrufa bhala '*lucrum cessans'* - jipprova jimprimi sens ta' gustizzja billi mhux biss ihares lejn l-interessi tad-danneggat izda billi wkoll jittiehed in konsiderazzjoni dak li jkun kkawza d-dannu."

Il-***multiplier*** adoperat varja u kien ta' 5 snin fil-kaz ta' persuna ta' 53 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004, ta' 15 fil-kaz ta' persuna ta' 22 sena **Butler vs Heard** App Civ Sup 22-Dec-1967, 15 il-sena fuq persuna ta' 24 **Gauci**

**vs Xuereb** PA 29-Ott-1970, ta’ 18 fuq persuna ta’ 28 sena **Camilleri vs Polidano** PA 1-Ott-1982, ta’ 18 fil-kaz ta’ persuna ta’ 42 **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999, ta’ 20 fil-kaz ta’ persuna ta’ 34 sena **Bugeja vs Agius** App Civ Sup 26-Lul-1991, ta’ 20 fil-kaz ta’ persuna ta’ 33 sena **Dalmas vs Ghigo** App Civ Sup 5-Frar-1980, ta’ 25 fil-kaz ta’ persuna ta’ 30 sena **Caruana vs Camilleri** App Civ Sup 27-Feb-2004, ta’ 26 fil-kaz ta’ persuna ta’ 35 sena **Seisun vs Brincat** PA 29-Ott-1998, ta’ 30 fil-kaz ta’ persuna ta’ 17 **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, ta’ 30 fil-kaz ta’ persuna ta’ 26 **Grima vs Penza** PA 30-Gun-2004, ta’ 30 fil-kaz ta’ persuna ta’ 23 sena **Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005, ta’ 35 fil-kaz ta’ persuna ta’ 18 sena **Sammut vs Zammit** App Civ Sup 3-Dic-2004, ta’ 36 fil-kaz ta’ persuna ta’ 20 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004.

Dan kollu juri li mhux dejjem ittiehdet l-istess linja ta’ ***multiplier***.  Zgur li ripetutament gie enfasizzat li s-sistema ta’ ***multiplier*** kif koncepita ma tiehux in konsiderazzjoni l-aspettattiva tal-hajja lavorattiva fit-totalita’ taghha [ara **Bugeja vs Agius** fuq imsemmija].

Fil-kaz in ezami il-qorti thoss li ghandha tapplika ***multiplier*** ta’ 9%.

***b. Paga u gholi tal-hajja***

Spiss li l-Qrati uzaw il-paga minima fejn ma kienx facli li l-Qorti tasal biex tistabbilixxi xi figura ohra. Normalment il-paga minima nazzjonali titla’ b’zewg liri fil-gimgha kull sena.  Dan ifisser li kull sena il-paga kienet ser tizdied b’LM104 ghal 5 snin [u jekk wiehed jiehu l-medja, dan ifisser il-medja tas-salarju prezenti (8450) u dak tal-ahhar salarju (520 + 8450 = 8970 ) ossia 8450 + 8970 /2 = 17420/2] u <u>jwassal ghal LM8710</u>.  Dan oltre l-awment tal-gholi tal-hajja li spiss jissupera ferm aktar l-awment tal-paga specjalment fiz-zmien ta’ introduzzjoni ta’ munita gdida u ghalhekk il-qorti sejra tapplika l-figura ta’ <u>LM8900</u>.

***c. Disabilita`***

Mir-rapport mediku ta' Mr. Charles Sciberras [fol 37 sa 40 tal-process] jirrizulta` li d-disabilita` prezenti tal-attur hija ta' madwar 6%.

***5d. Lump Sum Payment***

L-ammont dovut ikun irid jitnaqqas minhabba l-***lump sum payment*** b'ammont ekwivalenti ghal 5% meta jkunu ghaddew numru ta' snin mill-event damnuz u s-sentenza finali [**Scicluna vs Meilaq** PA 16 ta' Lulju, 2001]. Fil-kawza **Caruana vs Camilleri** PA 5 ta' Ottubru, 1993 il-Qorti hasset li minn dan ghandu jonqos xi 2% ghal kull sena ta' dewmien. Gie wkoll propost li m'ghandux awtomatikament jitnaqqas skond kemm iddum il-kawza: "jekk id-danneggant ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m'ghandux ikun hemm tnaqqis fil-***lump sum deduction***" – **Agius vs Fenech** 29 ta' Ottubru, 2003.

Fil-kawza **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004 is-somma giet ridotta bi 18% ghax kienu ghaddew tliet snin, waqt li fil-kawzi **Spiteri vs Zammit Tabona** App Civ Sup 16-Mar-1999 u **Caruana A vs Camilleri O** App Civ Sup 27-Frar-2004, minhabba li ghaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% gie imnaqqas ukoll fil-kawza **Galea vs Piscopo** PA 3-OTT-2003, 5% f'**Scicluna vs Meilaq** PA 16-Lul-2001 u 0% fil-kawzi **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999 meta ghaddew 15-il sena, f'**Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005 meta ghaddew 17-il sena, u **Schembri vs Caruana** Kum 20-Apr-1990 meta ghaddew 19-il sena.

Izda ghal kaz in ezami din ma tantx hi problema ghax l-incident gara fit-12 ta' Gunju 2005 u s-sentenza qedgha tinghata sentejnn u nofs wara. Fil-fehma tal-Qorti jrid ikun hemm tnaqqis ta' 18%.

***5e. Kunsiderazzjonijiet ohra***

Kunsiderazzjonijiet ohra ta' dan it-tip ta' kawzi bhal kuncett tal-konsum personali, u tad-***dependency issue*** ma humiex applikabbli ghal dan il-kaz.

***5f. Likwidazzjoni tal-ammont ta' lucrum cessans***

Ghalhekk il-Qorti trid issa tillikwida l-ammont dovut.

I. Il-qliegh medju annwali tal-attur inkluz l-gholi tal-hajja tammonta ghal LM8900;

II. jrid jitqies multiplier ta' 9. Dan igib l-ammont ta' LM80100;

III. il-qorti trid tqis il-grad ta' disabilita` li f'dan il-kaz hu ta' 6% u ghalhekk jammonta ghal ossia LM4806;

IV. wara jrid jitnaqqas 18% tal-lump sum payment u dan iwassal ghal LM3940.92;

V. ma' dan irid jizdied l-ammont ta' ***damnum emergens*** ta' LM 150.70 u dan iwassal it-total ghal LM4091.62.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

L-eccezzjonijiet tal-konvenuti kienu fis-sens li r-responsabbilta` ammessa fil-waqt li l-bqija riedu jsiru l-kalkoli.

Tiddikjara li l-intimat hu responsabbli ghall-incident stradali fuq imsemmi li sehh fit-12 ta' Gunju 2005 fi Triq il-Kosta, Naxxar vicin Kennedy Grove u li fih safa korrut ir-rikorrent.

Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent b'rizultat ta' dan l-incident stradali fl-ammont ta' erbat elef wiehed u disghin lira w tnejn u sittin centezmu LM4091.62.

Tikkundanna lill-intimat biex ihallas lir-rikorrent id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Marzu 2006 u tal-ittra ufficjali li giet prezentata kontestwalment mar-rikors guramentat kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------